MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2013

Talba Numru. 828/2011

**J.N.M Micallef (Ta' Karla) Ltd (C-5004)**
**Vs**
**Josef Galdes (K.I. 458282M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob lill-konvenut sabiex ihallas is-somma komplessiva ta' elfejn u seba' mija u sitta u hamsin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€2756.58) rapprezentanti import ta' tlett "cheques" bin-numri 118 (fl-ammont ta' €1126.58c), 121 (fl-ammont ta' €230) u 123 (fl-ammont ta' €1400) li ma gewx onorati mill-Bank; bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigi pprezentat kontestwalment u bl-imghax skont il-ligi sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fis-06 ta’ Frar, 2013 mill-Avukat Joseph Zammit u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ elfejn u seba’ mija u sitta u hamsin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€2756.58) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------